MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CAROL PERALTA

Seduta tad-29 ta' Lulju, 2014

Numru. 831/2012

**PULIZIJA**
**SPETTUR PRISCILLA CARUANA**

**VS**

**VINCENT SPITERI**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Vincent Spiteri, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 63584 (M).

**Akkuzat talli:**

Fit-13 ta` Awwissu 2012 ghal-habta tat-tmienja u nofs ta` filghaxija (20:30hrs) gewwa Birzebbuga u f'hinijiet ohra f'dawn il-Gzejjer:

1. Ikkaguna griehi ta` natura gravi fuq Francesco Caruana dan skont kif iccertifkat Dr. M. Camilleri, MD Reg. No. 2242 mill-isptar Mater Dei;

2. Talli fl-istess data, lok u hin attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta` xort'ohra li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra PS 853 Francie Sciberras u PC 1321 Eman Hayman persuni inkarigati skont il-Ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-Ligi jew ta` ordni moghti skont il-ligi mill-awtorita` kompetenti;

3. Talli fl-istess data, lok u hin ingurja, jew hedded jew ghamel offiza fuq PS 853 Francie Sciberras, PC 1321 Eman Hayman u PC 813 Clinton Vella, persuni inkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta` dak is-servizz;

4. Talli fl-istess data, lok u hin ikkaguna griehi ta` natura hafifa fuq Nicholas Caruana dan skont kif iccertifikat Dr. Diana Balzan MD Reg. 2111 mic-Centru tas-Sahha Rahal Gdid;

5. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi m'obdiex l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija, jew ma halliehomx jew fixkilhom waqt il-qadi ta` dmirijiethom, jew b'xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirijiethom, billi ma halliex lill-haddiehor jaghmel dak li b'Ligi jkun ordnat jew jista` jaghmel, jew billi jgib fix-xejn jew ihassar dak li haddiehor ikun ghamel skont il-Ligi;

6. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied;

7. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, waqt li kien fil-pubbliku, qal kliem li mhux xieraq li jikkonsisti f'dagha;

8. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghad illi kien xurban, qal fil-pubbliku xi kliem oxen jew indicenti, jew jaghmel atti jew gesti oxxeni;

9. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi irrifjuta li jaghti lill-ufficjal pubbliku jew lil wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku waqt li jkun jaghmel id-dmirijiet tieghu, ismu, kunjomu, fejn joqghod u partikulajiet ohra;

10. U aktar talli filwaqt li kien qed jaghmel reat kontra l-persuna, kellu fuq il-persuna tieghu xi arma regolari u ma gabx prova xort'ohra li kien qed igorr l-istess arma regolari bi skop legittimu;

11. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi zamm u gar arma li taqta` u bil-ponta minghajr ma kellu licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li barra l-piena stabbilita` ghal dan ir-reat tapplika l-provvedimenti tal-artikolu 383 tal-Kodici Kriminali ghas-sigurta` ta` Francesco Caruana, Nicholas Caruana u l-familjari taghhom.

**Il-Qorti:**

Wara li rat il-provi kollha prodotti u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li hadet in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Wara li semghet ix-xhieda mressqa;

Wara li rat l-Artikoli 216, 95, 96, 221, 338 (g) (ee) (ff) (dd) (m), 338 (bb) u 342 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta kif ukoll 55 (a) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta` Malta;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-Prosekuzzjoni gabet in prova s-sussegwenti xhieda:

<u>Francesco Caruana</u>: il-*parte civile* li sostna griehi ta` natura gravi per durata matul l-incident. Huwa sofra ksur ta` subghajh iz-zghir. Vide xhieda Dr. Diane Balzan u Dr. Moses Camilleri.

<u>Nicholas Caruana</u>: il-*parte civile* l-ohra li, nonostante mwissi mill-Qorti li huwa kellu dritt illi ma jixhedx stante li seta` jinkrimina ruhu, l-istess ghazel biex jixhed.

<u>Leonard Demanuele</u>: li kien prezenti matul l-incident. Jikkonferma li l-imputat kien fis-sakra u li gheddhom b'mus u li kellu zewg snieter bil-kanna mserra taht is-*seat* tal-vettura tieghu.

Illi dawn it-tlett xhieda jiddiskrivu kif zvolga l-*iter* tal-incident. Jghidu li taghhom kienet reazzjoni ghall-glieda li l-imputat kellu mal-*partner* tieghu u ghall-dawgha espressa mill-imputat illi, fil-hin tal-incident, huwa kien fi stat ta` sakra.

Spettur Priscilla Caruana: illi waqt li esibiet l-istqarrija volontarja tal-imputat, xehedet dwar il-komportament tal-imputat sakemm dan inzamm mizmum gewwa l-Ghassa tal-Pulizija li kien komportament vjolenti u xejn rispettuz. L-ispettur Arthur Mercieca kkonferma l-istqarrija.

PS 853 Frank Sciberras, PC 1321 Eman Hayman, PC 939 Miron Bugeja, PC 813 Clinton Vella u PS 645 Jerry Attard: Dawn jirrakkuntaw li l-*iter* tal-incident, il-komportament aggressiv tal-imputat mat-tentattiv illi huma jgibuh taht kontroll u l-fatt illi kien fi stat ta` sakra fil-hin. Jikkonfermaw ir-rezistenza tieghu ghall-attentat taghhom sabiex jikkalmawh, kif ikkonfermat mir-rapport ta` Dr. Mario Scerri, kif ukoll il-fatt illi huwa kien qieghed jidghi. Giet ipprezentata l-okkurenza tal-incident u l-mus elevat minn fuq il-persuna tal-imputat.

Illi xehed ukoll l-imputat illi r-rakkonta l-verzjoni tieghu tal-incident.

Illi minn dina x-xhieda prodotta, dina l-Qorti tasal ghas-sussegwenti konkluzjonijiet.

Rigward l-ewwel akkuza: Din tinsab ampjament ippruvata stante illi gie indubbjament ippruvat illi l-imputat ha parti attiva f'dana l-incident u kien hu li kkawza l-gerha ta` natura gravi inflitta fuq il-persuna ta` Francesco caruana. Francesco Caruana kien ferm specifiku fix-xhieda tieghu u bla tlaqliq jindividwa l-imputat illi huwa qieghed jgharaf bhala l-persuna bhala li kkawzatlu dina l-ferita. L-argument tad-difiza hi li *free for all* ma tistax tindividwa minn ikkawza x'hiex ma jreggax. Is-serjeta` ta` dina l-ferita giet ikkonfermata mix-xhieda medika prodotta.

Rigward it-tieni, it-tielet, il-hames, is-sitta, is-sebgha, it-tmienja u d-disgha akkuzi: Dawn l-akkuzi wkoll gew ippruvati wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni x-xhieda tal-ufficjali tal-Pulizija li xehedu f'dana l-kaz, kif ukoll ix-xhieda Francesco u Nicholas Caruana u lil Leonard Demanuele, kif ikkonfermata mir-rapport ta` Dr. Mario Scerri.

Fl-akkuzi numru ghaxra u hdax: Ix-Xhieda ta` PS 853 Frank Sciberras hija krucjali. Huwa eleva dan il-mus minn fuq il-persuna tal-imputat u ezebieh fil-Qorti. Ix-xhieda okulari jittestimonjaw illi l-imputat kien qieghed ixejjer dan il-mus matul l-incident.

Illi dina l-Qorti hija ampjament sodisfatta li, bix-xhieda mressqa, il-Prosekuzzjoni rnexxielha ggib il-prova sufficjenti li twassal lil dina l-Qorti sabiex issib htija:

*Extenuating circumstances*:

1. Element ta` provokazzjoni;
2. Trapass ta` zmien;
3. Fedina Penali netta.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti:**

Din il-Qorti qed issib lill-imputat hati u ghaldaqstant tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin mil-llum ai terminu tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.

Dina l-Qorti tordna wkoll lill-istess imputat, Vincent Spiteri, biex ma jaghti l-ebda fastidju lill-*parte civile*, kif ukoll lill-familji taghhom jew ksur tal-ordni a tenur tal-artikolu 383 tal-Ligijiet ta` Malta, taht penali ta` elf ewro (€1,000) fin-nuqqas.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------